MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru 275/2006

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Raymond Debono, Guido Debono, Natalino Debono u Silvio Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 194354(m), 207849(m),
24257(m) u 26060(m) rispettivament, akkuzati talli:

- f'dawn il-Gzejjer bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond Sea Bank Hotel li jinsab fi Triq il-Marfa, Ghadira, Mellieha, bejn it-19 ta' Frar 1999 u 22 ta' Gunju 2011 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew

maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommettew serq ta' kwantita' ta' elettriku fl-ammont ta' hamsa u tletin elf mitejn tmienja u hamsin lira u tlett millezmi (Lm 35,258.003) liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u l-artikoli tal-ligi hemm minnu citati irrimetta lura lil din il-Qorti l-atti tal-kawza sabiex, fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-imputati, tiddeciedi dwar il-htija jew nuqqas ta' htija tal-istess imputati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Din hi kawza dwar allegata manomissjoni ta' meter tad-dawl tal-lukanda 'Seabank Hotel' ta' Triq il-Marfa, Mellieha. Il-perjodu li fih hu allegat li sehh is-serq ta' dawl permezz tal-allegat tbaghbis hu bejn id-19 ta' Frar 1999 u t-22 ta' Gunju 2001, ossija fuq firxa ta' circa sentejn u erba' xhur. L-imputati kienu fil-perjodu inkriminat id-diretturi tas-socjeta' 'Sea Bank Catering Company Limited' qua proprjetarja/ operatur tal-lukanda. Fuq l-iskorta tal-Artikolu 13 tal-Kap 249 (Att dwar l-Interpretazzjoni) kull direttur, 'manager', segretarju jew

ufficjal iehor simili ta’ korp jew ghaqda, jew li jkun jidher li qed jagixxi f’xi kariga minn dawn, ikun hati tar-reat kemm il-darba ma jippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun esercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat. Dan hu rifless, ghalkemm f’kuntest differenti u fi kliem mhux identiku, fl-Artikolu 264(2) tal-Kap 9, li jipprovdi li f’reat konsistenti ‘inter alia’ fi ksur ta’ fili, jew gumni tas-servizz elettriku, jew ta’ xi sigill ta’ ‘meter’, jew l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom jista’ jittiehed l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ kurrent elettriku, jew jitwaqqaf jew jinbidel il-kejl jew markar fil-‘meter’ tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata, l-prova taqa’ fuq id-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f’idejha l-fond fejn ikun instab il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, li allura jkun tenut jipprova hu li ma kienx jaf b’dan l-uzu jew konsum illegittimu. Il-presunzjoni hi ghalhekk li d-detentur jew l-persuna li kellha f’idejha l-fond kien jaf jew b’diligenza seta’ kien jaf, sakemm ma jippruvax il-kontra. Sewwa sew ghalhekk f’kawza ta’ din ix-xorta l-prosekuzzjoni ghandha dejjem tipprova l-identita’ tal-persuna u tipprovdi l-prova dwar l-misfatt, ossija l-irregolaritajiet imsemmija fil-ligi fil-konfront tal-imputati.

Intant, mil-fattispecie tal-kaz in meritu, hu necessarju, fil-fehma tal-Qorti, li l-ewwel u qabel kollox isir ezami tal-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuza tenut kont illi hu bizzejjed ghad-difiza li tipprova l-innocenza taghha u teghleb il-presunzjoni mixhuta kontra taghha sal-grad tal-probabbli b’differenza mill-prova tal-prosekuzzjoni li hija dejjem dik ta’ l’fuq minn kull dubbju ragjonevoli.

Ezaminati l-provi dak li jirrizulta bhala fatt hu:
(1) li gew riskontrati mill-addetti tal-Korporazjoni certi ‘diskrepanzi’ fil-meter tad-dawl in kwistjoni konsistenti f’sitt sigilli, allegatament ’foloz’, senjatament fi tnejn ikkuluriti blu ta’ mal-bieba tal-meter u f’erba’ homor li kienu jissigillaw il-meter u f’xi brixx fuq it-‘Taly Plate’ li jirregistra l-konsum (xhieda ta’ Mario Cassar, fol.52 u John Vella, fol 55).
(2) li l-ispezzjoni saret fit-21 ta’ Gunju 2001 u l-meter inbidel l-ghada u rrizulta f’

diskrepanza fil-konsum fir-registrazzjoni tal-istess fis-sentejn precedenti s-
sostituzzjoni tal-meter (mid-19 ta' Frar 1999 u t-22 ta' Gunju 2001) meta komparat
mal-konsum ta' wara (mit-22 ta' Gunju 2001 sas-7 ta' Mejju 2002) fejn ir-rizultat
avarija fil-konsum ta' elf mija u erbatax-il unit kull jum, jigifieri, li kienu qed jigu
ikkonsmati daqstant units aktar kull jum f'dak il-perjodu ta' wara li l-meter gie
sostitwit.

(3) li mill-istatut tas-socjeta' gie dimostrat li l-imputati fiz-zmien tat-tahrika ossija fil-perjodu inkriminat kienu d-diretturi taghha u kwindi milquta bil-presunzjoni kontra taghhom kif gia' nghad fuq.

Illi sa hawnhekk jidher li l-prosekuzzjoni ippruvat l-elementi saljenti li jikkostitwixxu r-reat in parola; pero' madanakollu, minn xhieda wkoll minnha prodotta jirrisulta fic-cert li l-meter in kwistjoni kien installat gewwa sub-station proprjeta' u accessibbli biss min addetti tal-Korporazjoni li hi biss kellha c-cavetta relattiva tas-sub-station. Id-domanda hawnhekk tigi spontanja ta' kif jista' jkun li l-imputati kienu jafu jew setghew kienu jafu dwar xi mekkanizmu biex jittiehed elettriku illegalment meta ma kellhom l-ebda access ghal fejn kien il-meter?. Veru li ntqal li ma nstabitx cavetta wahda miz-zewg bibien li jaghtu access ghal gewwa s-sub-station. Dan pero' ma jfisser xejn billi anka kif spiegaw l-addetti ta' kif u fejn jinzammu c-cwievet huwa ferm possibbli u verosimili li c-cavetta giet 'mitlufa' ghand l-istess Korporazzjoni. Hija altrimenti supposizzjoni u kongettura li din l-Qorti tasal biex tghid li din ic-cavetta qeghdha ghand l-imputati fin-nuqqas ta' imqarr prova, anka cirkonstanzjali, li turi dan. Inoltre, jippermani wkoll dubbju dwar jekk verament kien

hemm t-tehid illegittimu ta’ elettriku kif tipprospetta l-prosekuzzjoni billi l-avarija fil-konsum ta’ qabel u wara s-sostituzzjoni tal-meter jista jkun spiegabbli per ezempju miz-zieda fil-kmamar ta’ bejn perjodu u iehor li jinsab bhala fatt ippruvat mhux biss mid-dokumenti izda wkoll mill-imputat Silvio Debono. Indikattiv huwa d-dokument esebit mill-istess xhud, dok. SDI folio157.

Illi ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li fil-kawza in disamina l-imputati irnexxew fil-prova, certament sal grad tal-probabbli, li jehlbu il-presunzjoni mixhuta fuqhom.

Raggunta tali konkluzjoni l-konsegwenza logika mill-aspett kriminali hi li tiddikjara l-imputati mhux hatja u tilliberhom minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------